MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2007

Appell Kriminali Numru. 164/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Nicky Pace**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Nicky Pace talli:

1) Fit-12 ta’ Gunju 2005, ghall-habta tas-1.30p.m., u fil-hinijiet ta’ qabel, fi Triq Sant’Andrija, Swieqi/Naxxar, u f’lokalitajiet ohra f’dawn il-Gzejjer, saq vettura numru CAA-273 ta’ l-ghamla Toyota minghajr ma kien kopert b’polza tas-sigurta` dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

2) Fl-imsemmija data ghall-habta tas-1.30p.m., fis-Swieqi, irrifjuta li jaghti jew ta falz il-partikolaritajiet tieghu

meta kienu mitluba lilu minn P.C. 670 W. Sheldon, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu;

Il-prosekuzzjoni li l-imsemmi Nicky Pace jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' April 2006 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Nicky Pace hati tat-tieni imputazzjoni u minha lliberatu izda sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' elf liri Maltin (Lm1,000);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Nicky Pace pprezentat fit-2 ta' Mejju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabitu mhux hati tat-tieni imputazzjoni u thassar u tikkancella dik il-parti fejn sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni u kkundannatu ghal multa ta' elf liri Maltin (Lm1,000) u minflok tilliberah minn kull htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija dwar l-ewwel imputazzjoni peress illi ma gietx ippruvata skond il-ligi kif ukoll ghaliex, minghajr pregudizzju, l-ewwel Qorti kellha takkolji l-eccezzjoni ai termini ta' l-artikolu 3(1B) tal-Kap. 104; (2) l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta u inkompleta tal-ligi meta sabitu hati tat-tieni [*recte:* l-ewwel] imputazzjoni.

Fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2006 Dott. Roberto Montalto ghall-appellant irtira l-ewwel aggravju u ghalhekk

din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

Dwar it-tieni aggravju, l-appellant jghid illi l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 jitkellem dwar *"… kemm-il darba ghall-uzu tal-vettura … minnu jew minn dik il-persuna l-ohra … ma tkunx issehh polza ta' sigurta`"*. Huwa jghid illi dawn il-kliem gew interpretati fil-gurisprudenza taghna li wiehed irid jara min hu l-*"authorised driver"* ghall-finijiet tal-polza u fil-prassi ta' l-assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur f'Malta *"authorised driver"* dejjem gie ritenut li trid tkun persuna jew (i) li ghandha licenzja tas-sewqan jew (ii) li kellha licenzja tas-sewqan u <u>mhix skwalifikata milli jkollha jew li tikseb tali licenzja</u>. Ghalhekk persuna li qatt ma kellha licenzja tas-sewqan hi persuna mhix koperta ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, mentri persuna li ma ghandhiex licenzja ghaliex skaditilha izda li mhijiex skwalifikata milli jkollha jew tikseb tali licenzja, tkun koperta bil-polza ghal-finijiet ta' l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104, u dan dejjem salv prova kuntrarja. Ghalhekk, isostni l-appellant, is-sejbien ta' htija ta' l-appellant huwa msejjes fuq *error juris* ghaliex l-appellant ma kienx persuna li qatt ma kellha licenzja tas-sewqan jew li kienet skwalifikata milli jkollha jew tikseb tali licenzja u konsegwentement jaqa' fit-termini ta' *"authorised driver"*.

Il-provi mismugha mill-gdid minn din il-Qorti huma s-segwenti:

**P.C. 670 Walter Sheldon** xehed li fit-12 ta' Gunju 2005 ghall-habta tas-1.30 p.m. kien ghaddej patrol b'vettura tal-Pulizija meta osserva vetura CAA-273 tal-marka Toyota diehla l-White Rocks. X'hin kien warajha, il-vettura waqfet quddiemu u hu waqaf warajha. Innota lix-xufier hiereg mill-vettura. Mar ikellmu u rrizulta li kien l-appellant. Ix-xhud qal li saqsieh jekk il-karrozza hix tieghu u l-appellant wiegbu li kienet fuq missieru. Saqsieh jekk hux inxurjat u wiegbu fl-affermattiv. Talbu l-partikolaritajiet u tah kollox tajjeb ghajr is-sena tat-twelid. Ix-xhud qal li cempel lill-assigurazzjoni Gasan Mamo Insurance Agency Ltd. li nfurmawh li l-vettura seta' jsuqha biss min kellu 25 sena 'l fuq. L-appellant kellu 24 sena.

**Brian Farrugia** xehed li l-vettura CAA-273 ta’ l-ghamla Toyota Corolla giet registrata f’isem Nicky Pace bil-karta ta’ l-identita` numru 430280M fit-30 ta’ Settembru 2005.

**Paul Sciberras**, in rapprezentanza ta’ Gasan Mamo Insurance, xehed illi l-vettura Toyota Corolla CAA-273 kienet inxurjata fuq Carmelo Pace bin-numru tal-karta ta’ identita` 105945M minn tas-Sliema mill-15 ta’ Frar 2005 sas-26 ta’ Settembru 2005 u llum qieghda f’isem Nicky Pace bin-numru tal-karta ta’ identita` 430280M u ilha hekk mis-26 ta’ Settembru 2006. Meta kienet f’isem Carmelo Pace kienet assigurata fuqu u *“any driver over 25”*, u hekk ghadha llum. Fuq mistoqsija jekk l-assigurazzjoni taghmilx tajjeb jekk ikun qed isuq il-vettura xi hadd *under 25* u jkun hemm xi *claim*, ix-xhud spjega li l-assigurazzjoni thallas jekk ikun hemm sentenza tal-Qorti in vista li l-karrozza tkun assigurata maghhom, izda mbaghad iduru fuq is-sewwieq ghar-rifuzjoni.

Issa, l-artikolu 10(1) tal-Kap. 104 jghid testwalment hekk:

**“Jekk, wara li jkun inhareg certifikat ta’ sigurta` taht is-subartikolu (4) ta’ l-artikolu 4 ta’ din l-Ordinanza lill-persuna li tkun hadet il-polza, tigi moghtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbilta` li ghandha tkun koperta minn polza taht is-subartikolu (1) tal-artikolu 4 ta’ din l-Ordinanza (meta hija responsabbilta` koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f’dan il-kaz, ghad li l-assikuratur awtorizzat ikun jista’ jannulla jew ihassar, jew jkun annulla jew hassar il-polza, huwa ghandu, bla hsara tad-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu, ihallas lill-persduni li favur taghhom tkun inghatat is-sentenza, kull soma ta’ flus li ghandha tithallas bis-sahha ta’ dik is-sentenza dwar ir-responsabbilta` fuq imsemmija ….”**

Is-subartikoli (2) u (3) jelenkaw serje ta’ eccezzjonijiet fejn l-assikuratur awtorizzat ikun ezenti minn tali obbligu ta’ hlas.

Fis-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Angelo Scuderi** moghtija fit-3 ta’ Novembru 2005 intqal hekk dwar l-imsemmi artikolu 10(1):

**“Illi minn din id-dicitura ta’ dan l-artikolu kif emendat, jidher li una volta li jkun hemm polza ta’ assikurazzjoni li tkopri l-vettura in kwistjoni, jekk ikun hemm xi responsabbilta` ghal dejn civili, din tigi rizarcita mill-assikurazzjoni, sakemm ma jirrikorrux xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi elenkati fis-subartikolu (2) u (3), anki meta l-assikuratur ikollu dritt jannulla jew ihassar il-polza, ghaliex, per ezempju, id-driver ma jkollux licenzja. Imma hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova li ma jkunx hemm din il-kopertura minhabba xi cirkostanza indikata fis-subartikolu (2) u (3), u sakemm din il-prova ma ssirx minnha, tibqa’ l-prezunzjoni li hemm il-kopertura tal-polza kontra r-riskji ta’ terzi persuni kif tipprovdi l-ligi fis-subartikolu (1) fuq citat.”**[1]

Fil-kaz in ezami l-appellant kellu licenzja tas-sewqan. Issa, ghalkemm il-vettura li kien qieghed isuq kienet assikurata ma’ Gasan Mamo Insurance fis-sens li tista’ tinsaq minn Carmelo Pace (missier l-appellant) u kwalunkwe sewwieq *“over 25”*, Paul Sciberras in rapprezentanza ta’ l-istess assikurazzjoni stqarr li xorta tezisti kopertura, ghalkemm wara sentenza tal-Qorti. F’dawn ic-cirkostanzi ghalhekk l-ewwel imputazzjoni ma tirrizultax pruvata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu ghal multa ta’ Lm1000 u minflok tiddikjarah mhux hati ta’ dik l-ewwel imputazzjoni u b’hekk tilliberah minn tali imputazzjoni u mill-piena nflitta filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament.

---

[1] Ara wkoll Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Stefan Apap**, 26 ta’ April 2007.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------